1 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

Il-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.:

Il-Pulizija *versus* Anthony Galea

**Sentenza — Nullità — Provi — Xhieda — Kolliżjoni.**

*Sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati għandha tikkontjeni l-akkuża u ta' x'hiex l-imputat ġie misjub ħati; u mhux biżżejjed li wieħed jista' jargumenta x'kienet l-akkuża u ta' x'hiex ġie misjub ħati l-imputat mill-motivazzjoni tas-sentenza; għax dan ma jissodisfax il-vot tal-liġi, u jħalli s-sentenza difettuża minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali tagħha, u għalhekk jirrendiha nulla.*

*Iżda għalkemm dik is-sentenza bħala deċiżjoni hija nulla, it-traskrizzjoni tax-xhiediet li nstemgħu mill-Ewwel Qorti, u li tkun tinsab fil-korp tas-sentenza, tista' sservi biex turi xi provi saru quddiem l-Ewwel Qorti; u, fl-assenza ta' oġġezzjoni da parti ta' l-imputat jew ta' l-Avukat tal-Kuruna, il-Qorti ta' l-Appell tista' tagħmel użu minn dawk id-depożizzjonijiet mingħajr bżonn li terġa' tisma' x-xhieda mill-ġdid, biex taqta' l-kawża wara li tkun annullat is-sentenza.*

*It-tort li jkollu wieħed minn dawk li jsibu ruħhom koinvolti f'kolliżjo-*

*ni ma jitnehhiex billi jkollu tort anki l-iehor, li jkun gie anki misjub hati u kundannat.*

Il-Qorti — Fuq l-akkuża kontra Anthony Galea talli fis-16 ta' Awissu 1951, għal xi nofs il-lejl u tletin minuta, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u billi ma osservax ir-Regolamenti, waqt li kien isuq żiemel b'karrozzin no. 156 minn The Mall lejn Great Siege Road, Floriana, ħabat ma' motor car no. A2365, u għamlilha ħsara għad-dannu ta' l-Awtorità Militari, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-23 ta' Novembru 1951, *iddeċediet billi sabet lil dak Anthony Galea ħati, u lliberatu* taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

L-imputat appella;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża......;

Il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ma ingħadx ta' x'ħix ġie misjub ħati l-imputat, u lanqas jingħad x'inhi l-akkuża; iżda wieħed jista' biss jargumenta x'kienet l-akkuża u ta' x'ħix ġie misjub ħati l-imputat Galea mill-motivazzjoni tas-sentenza biss. Dana ma jissodisfax il-vot tal-liġi, u jħalli s-sentenza *difettuża minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali,* u għalhekk jirrendi s-sentenza nulla. Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara nulla dik is-sentenza fil-konfront ta' l-appellant "ex officio", u tipproċedi fuq il-meritu mill-ġdid;

Iżda għalkemm bħala deċiżjoni dik is-sentenza hija nulla, b'danakollu t-traskrizzjoni tax-xhieda li nstemgħu mill-Ewwel Qorti, u li tinsab fil-korp ta' dik is-sentenza, tista' sservi biex turi xi provi saru quddiem l-Ewwel Qorti, b'mod li dina l-Qorti, fl-assenza ta' oġġezzjoni mill-imputat jew mill-Avukat tal-Kuruna, *tista' toqgħod fuq* dawk *il-provi u tiddispensa* mis-smiegħ mill-ġdid tax-xhieda;

Mill-kumpless tal-provi rriżulta li fil-ħin, lejl u post imsemmijin fit-taħrika, l-appellant kien qed isuq il-karrozzin tiegħu mit-triq ta' wara l-Mall...... F'dak il-ħin laħqet motor car misjuqa minn Spiru Mallia...... Meta wieħed jikkunsidra li l-post fejn saret il-ħabta huwa kważi ħdejn il-bankina, mill-fatt li ż-żiemel baqa' jiġri bħal qabel x'ħin l-appellant lemaħ il-motor-car ġejja, u l-fatt li l-motor-car ma kienx qiegħed *isuq mgħaġġel bosta, tiġi l-konklużjoni li x'ħin l-appellant* lemaħ il-karrozza ġejja kien għadu ma skorriex tarf il-bankina,

u allura kellu jħalli l-motor-car għaddejja minn fuq il-lemin tiegħu, u ma jaqsamx *it-triq* f'salib it-toroq kif għamel. Certament Mallia kellu tort, u b'sentenza li għaddiet ġudikat ġie misjub ħati; *iżda t-tort* ta' Mallia ma jneħħix it-tort ta' l-appellant ukoll, għax l-appellant naqas mill-prudenza billi qasam salib it-*toroq meta* l-post ma kienx liberu mit-traffiku: u għalhekk ma kienetx tista' ssir il-manuvra;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell, u wara li rat l-art. 342 tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-appellant ħati skond l-akkuża u tilliberah taħt l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.